

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea "STONE BREWING" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 423 668

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta' Jannar 2020 fil-Każ R 1524/2018-4

### **Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tagħti deċiżjoni dwar l-ispejjeż favur tagħha.

### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 71(1)(b) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;
- Ksur tal-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## **Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2020 – Target Brands vs EUIPO – The a.r.t. company b&s (ART CLASS)**

**(Kawża T-202/20)**

(2020/C 201/57)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### **Partijiet**

*Rikorreni:* Target Brands Inc. (Minneapolis, Minnesota, l-Istati Uniti) (rappreżentant: A. Norris, Barrister)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* The a.r.t. company b&s, SA (Quel, Spanja)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorreni il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea ART CLASS – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 888 695

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Jannar 2020 fil-Każ R 1597/2019-5

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad id-deċiżjoni ta' oppożizzjoni inkonnessjoni mal-oġġetti kkontestati rimanenti l-oħra kollha;
- alternattivament, tibgħat lura l-kawża quddiem l-EUIPO għal kunsiderazzjoni mill-ġdid;
- tordna li għandhom jitħallsu l-ispejjeż tagħha tal-proċeduri odjerni tal-appell, tal-proċedimenti ta' rikors quddiem l-EUIPO u tal-oppożizzjoni.

**Motiv invokat**

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' April 2020 – Al-Imam vs Il-Kunsill**

(Kawża T-203/20)

(2020/C 201/58)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Maher Al-Imam (Damasku, is-Sirja) (rappreżentant: M. Brillat, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorreni jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tilqa' r-rikors tar-rikorreni;
- tikkonstata l-illegalità tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011, fir-rigward tal-parti li tikkonċerna lir-rikorreni; l-illegalità tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, fir-rigward tal-parti li tikkonċerna lir-rikorreni; l-illegalità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/211 tas-17 ta' Frar 2020 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, fir-rigward tal-parti li tikkonċerna lir-rikorreni; l-illegalità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/212 tas-17 ta' Frar 2020 li jimplementa d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, fir-rigward tal-parti li tikkonċerna lir-rikorreni;
- konsegwentement, tannulla Regolament (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011, fir-rigward tal-parti li tikkonċerna lir-rikorreni; id-Deċiżjoni 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, fir-rigward tal-parti li tikkonċerna lir-rikorreni; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/211 tas-17 ta' Frar 2020 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, fir-rigward tal-parti li tikkonċerna lir-rikorreni; id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/212 tas-17 ta' Frar 2020 li jimplementa d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, fir-rigward tal-parti li tikkonċerna lir-rikorreni;
- tikkundanna lill-Kunsill iħallas is-somma ta' EUR 10 000 fil-gimġha b'effett mit-18 ta' Frar 2020 lir-rikorreni bħala kumpens għad-dannu materjali sostnut minħabba l-adozzjoni tal-miżuri kontenzzjużi;